MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 219/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Louis Micallef (K.I. 589559M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ mitejn u hamsin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (€250.94) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Contract Number* 498 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-31 ta’ Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lill- banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tat-12 ta’ Marzu, 2009 fejn ammetta t-talba.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------